



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9598/23

COHAFA 56
DEVGEN 93
CONUN 119
FIN 552
RELEX 634

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 9282/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tad-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tad-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju kif approvati fit-3950 laqgħa tal-Kunsill fit-22 ta' Mejju 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**DWAR L-INDIRIZZAR TAD-DISKREPANZA FIL-FINANZJAMENT UMANITARJU**

1. Il-Kunsill jesprimi tħassib serju dwar il-ħtiġijiet umanitarji globali li qed jiżdiedu drastikament, fi żmien ta' spazju umanitarju li qed jiċkien, ta' konflitt fit-tul, politizzazzjoni tal-ghajjnuna, u żieda fil-vulnerabbiltajiet minħabba t-tibdil fil-klima, u jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għal azzjoni umanitarja effettiva u bbażata fuq il-prinċipji. Aktar minn 350 miljun persuna madwar id-dinja jeħtieġu assistenza umanitarja li ssalva l-ħajja – li hija żieda ta' aktar minn 20 % meta mqabbla mal-2022 u żieda ta' aktar minn 40 % meta mqabbla mal-2021. Aktar minn 100 miljun persuna ġew spostati bil-forza u 43 miljun persuna f'51 pajjiż jinsabu f'xiifer il-ġuħ. Il-Kunsill jinnota li, b'mod ġenerali, appelli umanitarji reċenti żguraw biss nofs il-finanzzjament meħtieġ u jesprimi tħassib serju dwar id-distakk dejjem jikber bejn il-ħtiġijiet stmati u l-finanzzjament, inkluż fi kriżijiet minsija.
2. Il-Kunsill jesprimi allarm dwar l-iskala tat-tbatija umana, il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, it-telf ta' ħajja u d-dinjità, inkluż il-vjolenza kontra ċ-ċivili u l-qerda intenzjonata u mmirata tal-infrastruttura ċivili madwar id-dinja, bħal fl-Ukrajna bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Il-Kunsill jesprimi wkoll tħassib serju dwar il-konsegwenzi devastanti tal-gwerra fuq id-dinja, peress li aggravat il-kriżi dinjija tal-ikel, u jtenni l-impenn tiegħu li jappoġġa s-sigurtà dinjija tal-ikel u n-nutrizzjoni, inkluż permezz tal-Inizjattiva tan-NU tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali u l-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna.
3. Il-Kunsill itenni r-rwol essenzjali tal-UE u l-Istati Membri tagħha fl-appoġġ għall-azzjoni umanitarja madwar id-dinja, kif muri bit-tneċċija tal-Forum Umanitarju Ewropew, u jfakkar fil-konklużjonijiet tal-2021 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-azzjoni umanitarja tal-UE: sfidi ġodda, l-istess prinċipji, u jieħu nota tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-2021 dwar orjentazzjonijiet ġodda għall-azzjoni umanitarja tal-UE.

4. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġi indirizzat id-distakk dejjem akbar bejn il-ħtiġijiet u r-riżorsi umanitarji permezz ta' aktar sforzi fuq tliet ferġat interrelatati u li jsaħħu lil xulxin: iż-żieda u t-twessigħ tal-bażi tar-riżorsi għall-azzjoni umanitarja, it-tisħiħ tal-effettività u l-effiċjenza tas-sistema umanitarja, u t-tnaqqis tal-ħtiġijiet umanitarji.

I. IŻ-ŻIEDA U T-TWESSIGĦ TAL-BAŻI TAR-RIŻORSI GĦALL-AZZJONI UMANITARJA

5. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġi mobilizzat finanzjament umanitarju addizzjonali fil-livell dinji u li tinkiseb struttura ta' finanzjament aktar ibbilanċjata li tuża r-riżorsi ta' donaturi tradizzjonali, emerġenti u potenzjali, fondazzjonijiet filantropiċi, is-settur privat, kif ukoll partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.
6. Il-Kunsill jinnota l-impenn mill-Istati Membri tiegħu biex jiġi żgurat finanzjament addizzjonali għall-assistenza umanitarja. Il-Kunsill ser imexxi 'l quddiem il-ħidma biex tiġi żgurata kondiviżjoni aktar sostenibbli u bbilanċjata tal-finanzjament umanitarju bejn l-Istati Membri u jistieden lill-Kummissjoni biex kull sena tirrapporta f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn kollettiv tal-UE li tipprovdli mill-inqas 0.7 % tal-introjt nazzjonali gross kollettiv bħala assistenza uffiċjali għall-iżvilupp sal-2030, u jħeġġeġ lill-Istati Membri tagħha biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jagħlqu d-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju billi jikkontribwixxu f'livell proporzjonat mal-mezzi finanzjarji tagħhom, u jiżguraw li sehem xieraq, pereżempju 10 %, tal-assistenza uffiċjali għall-iżvilupp tagħhom ikun iddedikat għall-azzjoni umanitarja, abbażi tal-ħtiġijiet umanitarji eżistenti.
7. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex isaħħu d-djalogu u jintensifikaw il-ħidma tagħhom biex jintlaħqu pajjiżi bil-potenzjal ekonomiku li jassumu responsabbiltà akbar għal aktar finanzjament umanitarju bbażat fuq il-ħtiġijiet u prevedibbli, b'mod partikolari dawk fl-OECD u l-G20, pereżempju billi sistematikament jinkludu azzjoni umanitarja fid-djalogi tagħhom ma' pajjiżi terzi u jqiegħdu regolarment l-affarijiet umanitarji fuq l-aġenda ta' laqgħat bilaterali fil-livelli kollha. Il-promozzjoni tar-rispett għad-dritt umanitarju internazzjonali u l-prinċipji umanitarji hija parti integrali minn din il-ħidma biex tiġi estiża l-bażi tad-donaturi.

8. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu l-involvement tas-settur privat, inkluż il-fondazzjonijiet filantropiċi, u jinkoraġġixxi l-isforzi biex jinbnew sħubiji bejn is-settur umanitarju u dak privat. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jesploraw approċċi innovattivi ta' finanzjament bil-ħsieb li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati kollha.

II. IT-TISĦIĦ TAL-EFFETTIVITÀ U L-EFFIĊJENZA TAS-SISTEMA UMANITARJA

9. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-effettività u l-effiċjenza tal-modi kif titwassal l-ghajjnuna sabiex jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi disponibbli u jikkonferma l-importanza ta' approċċ purament ibbażat fuq il-ħtiġijiet kif ukoll prijoritizzazzjoni trasparenti u bbażata fuq il-prinċipji matul kriżijiet umanitarji. Il-Kunsill jilqa' r-rwol ewlieni tas-sistema tan-NU, b'mod partikolari tal-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA) u aġenziji oħra tan-NU, biex jiġu żgurati koordinazzjoni u valutazzjoni effettivi tal-ħtiġijiet, inkluż sforzi biex l-analiżi tas-severità tal-ħtiġijiet tkun komparabbli matul il-kriżijiet, biex torbot il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet u l-ippjanar tar-rispons, u biex tiġi żgurata l-kwalità permezz ta' sorveljanza indipendenti, li ser tippermetti lid-donaturi jallokaw finanzjament ibbażat fuq il-ħtiġijiet.
10. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur ta' finanzjament ta' kwalità, jiġifieri finanzjament pluriennali u flessibbli, biex tiġi żgurata azzjoni umanitarja effiċjenti u effettiva. Il-finanzjament flessibbli jippermetti żieda rapida fir-rispons għal ħtiġijiet urġenti u jiżgura kontinwità operazzjonali fi kriżijiet traskurati. F'dan ir-rigward, il-Kunsill għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iżidu l-livelli tagħhom ta' finanzjament flessibbli, definit bħala mhux allokati jew allokati b'mod ħafif, f'konformità mal-impenji tal-Grand Bargain. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-caucus tal-Grand Bargain dwar riżultati ta' finanzjament ta' kwalità bl-impenn li jiżdied il-finanzjament umanitarju pluriennali bi 30 %, filwaqt li jirrikonoxxi li l-finanzjament pluriennali għandu wkoll il-potenzjal li jsaħħaħ il-kapaċità lokali u jwassal għal eżiti aħjar għall-popolazzjonijiet milquta, speċjalment fi kriżijiet fit-tul.

11. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol importanti li għandhom l-atturi lokali u nazzjonali, inkluż il-parteċipazzjoni u t-tmexxija ta' organizzazzjonijiet immexxija min-nisa, biex tiġi ffaċilitata azzjoni umanitarja effiċjenti billi jaġixxu bħala kontributuri tal-ewwel linja li huma fis-seħħ qabel, matul u wara emerġenzi. Għaldaqstant, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex isaħħu l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet lokali f'konformità mal-impenn tal-Grand Bargain biex iwasslu mill-inqas 25 % tal-fondi umanitarji kemm jista' jkun direttament lill-atturi lokali jew nazzjonali, filwaqt li jappoġġaw it-tisħiħ tal-kapaċità u l-parteċipazzjoni sinifikattiva u inklużiva tal-atturi lokali fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-programm, u jinnota b'apprezzament il-gwida tal-Kummissjoni dwar il-lokalizzazzjoni.
12. Il-Kunsill jenfasizza l-potenzjal tal-loġistika umanitarja għal għajjnuna umanitarja aktar effiċjenti u effettiva. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jagħmlu użu minn approċċi innovattivi biex iżidu aktar l-effiċjenza tal-azzjoni umanitarja, inkluż permezz tal-qafas tal-Grand Bargain. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-settur umanitarju, inkluż id-donaturi, biex ikompli jiżviluppa u jappoġġa approċċ strateġiku għal-loġistika.

III. IT-TNAQQIS TAL-HTIĠLIJET UMANITARJI

13. Il-Kunsill iqis li, fl-aħħar mill-aħħar, l-aktar mod effettiv biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju huwa li jiġnaqqas il-livell tal-ħtiġijiet umanitarji. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-hteġa li jiġu indirizzati b'mod sostenibbli l-kawżi ewlenin sottostanti permezz ta' operazzjonalizzazzjoni msaħħa tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi (HDP), b'bidma flimkien f'approċċ ta' Tim Ewropa, u f'konformità fost l-oħrajn mal-impenji tad-Dikjarazzjoni tad-Donaturi Umanitarji dwar il-Klima u l-Ambjent.
14. Il-Kunsill jinnota li l-konflitt armat jibqa' l-mutur primarju tal-ħtiġijiet umanitarji u li huma meħtieġa soluzzjonijiet politiċi biex tintemm it-tbatija umana. Il-Kunsill itenni l-importanza ta' sforzi kontinwi fil-prevenzjoni tal-konflitti, il-medjazzjoni u l-bini tal-paċi inklużiv u jenfasizza l-hteġa għal approċċ aktar sistematiku u kkoordinat għad-diplomazija umanitarja.

15. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li r-rispett għad-dritt umanitarju internazzjonali u l-konformità miegħu jitqiegħdu b'mod konsistenti fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE u li jiġi promoss bil-mezzi kollha disponibbli, u jenfasizza l-kompitu ewlieni li jiġu rrispettati u protetti l-persuni ċivili f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali, jiġi ppreservat l-ispazju umanitarju u jiġu żgurati s-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal umanitarju. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' responsabbiltà għall-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali.
16. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati u mnaqqsu l-ħtiġijiet umanitarji permezz ta' approċċ li jgħaqqad l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi u li jindirizza l-kawżi ewlenin tal-kriżijiet, l-investment fit-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri u fit-Thejjiġa għad-Diżastri, filwaqt li jiġi adottat approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-persuni fil-bżonn fil-ħin, filwaqt li jinżammu servizzi soċjali bażiċi nondiskriminatorji, inkluż għan-nisa u l-bniet, b'mod partikolari fi kriżijiet umanitarji fit-tul u politikament kumplessi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ihegġegħ djalogu intensifikat bejn l-atturi umanitarji u l-atturi tal-paċi u l-iżvilupp, b'mod partikolari l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, sabiex jiġi żgurat finanzjament għall-iżvilupp flessibbli u reattiv sostnut għall-istabbilizzazzjoni u l-involvement fi stati fraġli u milquta minn kunflitti li jesperjenzaw emerġenzi umanitarji.
17. Il-Kunsill itenni li t-tibdil fil-klima huwa mutur dejjem jikber tal-ħtiġijiet umanitarji. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jesploraw possibbiltajiet biex jimmassimizzaw l-effett tal-flussi finanzjarji kollha, permezz ta' arranġamenti ta' finanzjament eżistenti, biex jirrispondu aħjar għall-kriżijiet umanitarji kkawżati mill-klima.
18. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li tittieħed azzjoni qabel il-perikli mbassra fil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-impatti umanitarji akuti qabel ma dawn jiżvolġu f'emerġenzi umanitarji sħaħ. F'dan il-kuntest u f'konformità mal-inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali tan-NU "Twissijiet Bikrija għal Kulħadd" (EW4All), il-Kunsill jenfasizza l-importanza vitali li tiżdied l-azzjoni antiċipatorja bl-għan li jitnaqqsu l-ħtiġijiet umanitarji, inkluż billi jissaħħu s-sinerġiji bejn l-atturi umanitarji, tal-iżvilupp u tal-klima.